MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-22 ta' April, 2005

Talba Numru. 1981/2004

**First Insurance Brokers Limited bhala agenti tal-Middlesea**
**Insurance plc u bhala l-assikuratrici ta' Brian Mizzi u b'digriet**
**tat-Tribunal tas-6 ta' Dicembru, 2004 l-okkju ghandu jinqara**
**Middlesea Insurance plc bhala l-assikuratrici ta' Brian Mizzi**

**Vs**

**Anatole Gauci**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm313.63c (tlett mija u tlettax-il lira Maltin u tlieta u sittin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati fl-incident awtomobilistiku li sehh nhar it-13 ta'

Novembru 2002 fi Triq l-Imdina, Qormi bejn il-vettura ABG 823 misjuqa mill-konvenut u l-vettura ABN 925 proprjeta’ ta’ Brian Mizzi u misjuqa minn Raymond Degabriele.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm313.63c (tlett mija u tlettax-il lira Maltin u tlieta u sittin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------